Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru. 617/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Bonello ta' 55 sena, iben Lawrence u Maria Assunta nee Farrugia, mwieled Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 1946, u li joqghod fil-fond numru 14, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 930546 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmelo sive Charles Bonello li gie akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru, 2001


Qrati tal-Gustizzja

ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofsinhar fil-fond numru 51, Flat 2, Sqaq Brittaniku, Hal Tarxien dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Mario Briffa f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'permezz ta' strument li jaqta' u li jniggez ta diversi daqqiet lejn il-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Mario Briffa, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu,

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mario Briffa, liema offiza giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem skond kif gie ccertifikat minn Dr Christopher Rizzo tal-Isptar San Luqa,

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u jniggez.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn intbaghtu l-artikoli taht liema jinsta' jinstab htija.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi huwa pacifiku li Mario Briffa sofra penetrazzjoni fil-pulmun ix-xellugi liema penetrazzjoni kkagunat kullass tal-pulmun. Fl-opinjoni ta' l-espert mediku, mahtur fl-inkjesta, cioe Dr Mario Scerri din il-ferita kienet kompatibbli ma' stab wound peress li kienet fonda u twila, kkonkluda ukoll l-istess espert li din il-ferita kienet maghmula bi strument bil-ponta u li jaqta'. L-espert ikkonkluda wkoll li Mario

Briffa kellu wkoll “defensive wounds” fuq il-hames sebgha ta’ l-id il-lemnija.

Mistoqsi jekk il-ferita l-gravi, cioe dik ikkagunata fil-pulmun, setghetx giet ikkagunata b’xi oggett li ghandu blunt top, per ezempju “xi bicca plastic tal-fridge” ( a fol 97), l-espert wiegeb fin-negattiv, qal:

“Biex kien hemm penetrazzjoni xi haga li taqta’ u bil-ponta.” (a fol 97)

Din l-ahhar mistoqsija, cioe dik tal-blunt instrument giet maghmula lill-espert mill-Prosekuzzjoni in vista tal-evidenza li tat bint l-akkuzat kemm fl-Inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti. Fil-fatt il-verzjoni li tat Brenda Bonello ta’ l-incident kienet li Mario Briffa, li mieghu kienet tikkoabita, gieli kien refa’ jdejh fuqha, lejliet l-incident huma kellhom xi jghidu, hu talabha biex tippakkjalu hwejgu. L-ghada meta mar ghalihom u ad insaputa taghha anke biex jiehu l-fridge, kien hemm fil-fatt kemm l-akkuzat, missierha u gar taghha, certu Kassam li kien qed jghin lil Carmelo Bonello. Xehdet Brenda Bonello li Mario Briffa beda jaghtiha go rasha, missierha hareg biex jiddefendiha, Briffa imbuttah u spicca fl-art jaghti lil missierha fuqu. Hawn Brenda Bonello biex tipprotegi lil missierha bdiet taghti lil Mario Briffa fuq dahru b’ bicca plastic tal-ixkaffa tal-fridge.

F’dan l-istadju ssir referenza ghar-rapport ta’ Dr Veronica Aquilina, taqbel din il-Qorti wkoll ma’ dak hemm relatat li l-ferita sofferta minn Briffa zgur ma setghetx tigi kkagunata minn din il-plastic.

Min-naha tieghu Mario Briffa nnega li hu sawwat jew qatt sawwat lil Brenda Bonello, anzi qal li dakinhar li hu mar ghal fridge kienet hi li hebbet ghalih. Qal li waqt li hu u Brenda kienu qeghdin jiggieldu, anzi waqt li hu kien qed ihalli lil Brenda taghtih, qabadha, u warrabha, gie missierha l-akkuzat skantat, bil-kemm rah u jahseb li kien dak il-hin li tah daqqa ta’ sikkina u ferieh. Wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex mad-daqqa “… kebbibni lili mill-ewwel” Qal ukoll li l-akkuzat “… baqa’ diehel go fija

b'ruhu u gismu." ( a fol 52). Qal ukoll li hu d-daqqa hassa pero' ma jafx jekk kinitx b'id l-akkuzat jew b'oggett. Kompla li waqt li hu u l-akkuzat spiccaw f'xulxin fl-art xihadd mar izomm lilu, kien hemm li Nenu (l-akkuzat) qam qabad sikkina ohra rega' mar ghalih, hawn tah daqqa ta' sieq. Qal ukoll li dak il-hin l-akkuzat beda jghidlu "noqtlok, noqtlok" ( fol 57). Dan il-fatt ta' noqtlok pero' ma kkonfermahx meta rega' ttella' jixhed quddiem din il-Qorti biex jikkonferma x-xhieda li hu rrilaxxa quddiem Dr Veronica Aquilna (a fol 232).

Kien hemm erba' xhieda ohra okulari f'dan l-incident: Carmel Schembri, Anthony Polidano, Marco Mifsud, u Kassam Kassab. Tista' tghid li l-ewwel tlieta hbieb u anke membru tal-familja ta' Briffa, kwazi kwazi ma raw xejn, anzi Mifsud ra lill-akkuzat ihebb ghal Briffa pero' la lil Mario fuq Nenu, la lil Mario u lil Brenda jiggieldu. Stranament pero' ippercepixxa li kien se jinqala' l-inkwiet u mar jghajjat lil shabu l-ohra ghal ghajnuna. Qalu hbieb Briffa li Brenda Bonello bdiet tissuggerixxi li kellhom jghidu li Briffa kien wegga bil-fridge.

Kassam Kassab ikkonferma li hu ra lil bint l-akkuzat taghti lir-ragel li kien fuq misserha, cioe l-akkuzat. Qal li hu nehha lil dan ir-ragel minn fuq Bonello. Stqarr li hu ghajr ghal daqshekk ma ra xejn izjed hlief li hu hareg lil dak il-guvni barra u ra li kien qed jitlef xi demm.

Jigi rilevat ukoll li l-esperti forensici sjerologisti ma sabu ebda tracca ta' demm fuq kull sikkina li giet elevata mill-kcina fejn sar l-allegat stabbing. Ma nstab ebda arma fuq il-persuna ta' Carmelo Bonello, ghalkemm minn imkien ma jirrizulta li saret tali tfittxija dan nonostante l-fatt li Briffa nsista li l-akkuzat solitament izomm fuq persuntu mus.

Xehed ukoll l-akkuzat innifsu. Innega dak li allega kontrih Mario Briffa. Qal li dakinhar ta' l-incident ra lil bintu tissawwat minn Briffa, hu mbotta lil Briffa u kien hawn li Briffa qabez fuqu. Kien l-Gharbi Kassam li nehhieh minn fuqu. Irrizulta wkoll li l-akkuzat huwa bniedem li jbati minn marda ta' natura serja u li ftit qabel dan l-incident

kien ghamel intervent kirurgiku serju. Fl-istqarrija tieghu minnu rilaxxata a tempo vergine kkonferma d-dinamika ta' l-incident pero' mistoqsi jekk hu kienx hataf sikkina u beda jaghti biha lil Briffa wiegeb li ma kienx jaf. Wiegeb li hu ma kienx jaf x'ghamel jew m'ghamilx. Mistoqsi x'ghamel bis-sikkina li biha fera lil Briffa wiegeb "Emminni ma nafx" (fol 36) Baqa' jinsisti fil-fatt li hu ma kien jaf xejn fuq ebda sikkina, zied li hu ma setghax jiftakar jekk tahx daqqa ta' sikkina, mentri ftit qabel qal ukoll li "jekk Mario qal hekk allura hekk gara, jien ma nafx jista' jkun qabad is-sikkina ghalija … ( a fol 37).

Ikkonsidrat

Pacifiku li Briffa wegga f'dan l-incident bi strument li jaqta' u bil-ponta. Temmen ukoll il-Qorti li Briffa mhux il-qaddis li jippretendi li hu, fatt dan anke kkorroborat mill-mod evaziv li xehdu l-istess shabu dwar l-incident in dizamina. Hija ghalhekk aktar propensa li temmen din il-Qorti li verament Briffa attakka lil bint l-akkuzat. Temmen ukoll din il-Qorti li bhala missier l-akkuzat iffaccat b'din is-sitwazzjoni zgur mar biex jiddefendi lil bintu. Hawn tasal id-domanda krucjali ghad-determinazzjoni tal-kaz in dizamina, l-akkuzat agixxa skond l-ewwel tezi tad-Difiza in legittima difesa jew skond it-tezi tal-Prosekuzzjoni li kellul-hiseb li jinfliggi dawk il-griehi, ghalhekk li joqtol jew iqieghed fil-perikolu tal-hajja lil Briffa skond l-akkuzi dedotti? Din id-domanda timplika li l-akkuzat kien hu li fergha lil Briffa.

Jigi rilevat ukoll li t-tezi ta' legittima difesa tqajmet biss mid-Difiza wara li semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni ghax principalment id-Difiza ssostni li Bonello mhux hati ta' l-akkuzi, kif dedotti kontra tieghu ghax ma kienx hu li nfligga ebda griehi skond l-akkuzi.

Taqbel il-Qorti mar-rekwiziti li jikkostitwixxu legittima difiza kif ben elenkati mid-Difiza. Ghalhekk jekk jitwemmen li Carmel Bonello fera lil Briffa taqbel ukoll mat-tezi tad-Difiza, li dan kieku ghamel hekk, hekk ghamel ghad-Difiza principalment ta' bintu li hu ra tissawwat u sekondarjament anke ghalih innifsu u dan wara li rat l-

artikolu 223 u 224 tal-Kap 9. Tibqa’ pero’ dejjem problema wahda f’mohh din il-qorti, d-dubju ta’ minn fera lil Briffa? Briffa jghid li l-akkuzat, bintu tghid li hi u l-akkuzat jinnega dana kollu, ghalkemm kien ferm konfuz b’din is-sitwazzjoni meta rrilaxxa l-istqarrija. L-unika xhud okulari ta’ l-incident kien Kassan li ru lil guvni (Briffa) fuq l-akkuzat ma’ l-art u lil bint l-akkuzat taghti lil Briffa fuq dahru b’bicca plastik. Appena qajjem lil Briffa u hargu barra ra li dan jitlef id-demm minn genbu. Ma nstabet ebda arma, stranament lanqas jidher li gie mitkellem l-akkuzat fl-inkjesta anke jekk irrizulta li l-istess ferut kellu “defence marks” fuq subghajh. Thoss din il-Qorti li fi stadju ulterjuri dan il-kaz kien forsi jimmerita investigazzjoni aktar profonda, investigazzjoni li b’ghajnuna ta’ xjenza forensika u intervent aktar immedjat setgha jwassal ghall-verita’ tal-fatti. In-nuqqas ta’ tali elementi jhalli dubju f’mohh din il-Qorti dwar il-vera agent ta’ dan il-kaz, liema dubju ghandu ovvjament jmur a favur l-akkuzat li ghaldaqstant qed jigi liberat mill-akkuzat kif dedotti kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------